MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Numru. 97/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri )**

**vs.**

**Kylie Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kylie Spiteri ta' tmintax (18)-il sena, bint Carmelo Spiteri u Susan Teresin Spiteri xebba Kelly, imwielda il-Pieta nhar is-16 ta' Marzu 1996 u li tirrisjedi gewwa Flat 6, Blk E, Triq ix-Xemxija, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 124696 (M)

Akkuzata talli:

1. nhar il-27 ta' Jannar 2015 gewwa Blk E, Fat 6, Triq ix-Xemxija, Marsa hebbet ghal Emma Spiteri u ikkagunatilha offizi ta' natura gravi kif iccertifikat minn Dr. Janine Mifsud MD mill-Isptar Mater Dei Med No. 5653 (Kap 9 Art. 216);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjat jew heddidt jew jekk ipprovokat, ingurjat lil Lee Moshe Denarao b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni (Kap 9 Art 339 (1));

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputata milli tavvicina lil Emma Spiteri.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata ma kellha l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Kylie Spiteri bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha hija ta' tliet (3) snin prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputata hin adegwat biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u tara jekk tridx tirrevedi l-posizzjoni taghha, l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputata u l-fatt li hija ikkoperat mal-pulizija. Il-fedina penali taghha hija wahda netta.

L-imputata kienet involuta fi glieda flimkien ma' ohtha Emma Spiteri. Waqt il-glieda bdiet ixxejjer bis-sieq lil ohtha u laqtitha f'wiccha. Fil-fatt mic-certifikat mediku ezebit bhala Dok SM8 jirrizulta illi, Sonia Sammut kellha s-segwenti griehi:

*"From the ENT point of view:*

- *Superficial abrasion and swelling of left side of nose;*
- *CT scan reported fracture of the nasal bone*
- *Fracture of the left orbital floor."*

Feriti, li certament huma ta' natura gravi, u l-imputata kkagunat sfregju f'wicc ohtha.

Waqt it-trattazzjoni orali, kemm l-Ufficcjal Prosekutur kif ukoll l-Avukat Difensur issuggerew li l-imputata tinghata liberta kondizzjonata, in vista tal-eta zghira taghha.

Pero fl-opinjoni tal-Qorti, ghalkemm l-imputata ghada ta' eta zghira, ghoti ta' liberta kondizzjonata mhix mizura idonea ghal reat ta' sfregu. L-imputata hija maggorenni u ghandha tassumi r-responsabbilitajiet taghha u tal-konsegwenzi ta' eghmilha. Min-naha l-ohra, in vista li l-imputata ghad ghandha tmintax (18)-il sena, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Il-Qorti qieset ukoll li l-kontravenzjoni fit-tieni imputazzjoni hija assorbita fir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qed tikkundanna lill-imputata ghal sena (1) prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda wkoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------